**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 11 ta' Novembru, 2015**

Talba Numru: 141/2014JB

Kawza Numru: 15

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

***vs***

**Albert sive Robert Borg (KI: 838147M) u British Jet Limited (C25698)**

It-Tribunal,

Ra t-talba prezentata nhar it-3 ta' Marzu 2014, fejn ghar-ragunijiet hemm premessi, is-Socjeta Attrici talbet li l-Konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' elf seba' mija u tlieta u tmenin euro u tmienja u tmenin centezmu (€1,783.88);

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tat-30 ta' April, 2014;

Ra li ghad li gew debitament notifikati bl-atti, il-Konvenuti naqsu milli jipprezenta risposta fil-waqt li t-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan iddekorra inutilment;

Ra li ghad li l-kawza kienet differita ghas-seduta tal-lum, deheret biss rapprezentanta tas-Socjeta Attrici li kkonfermat bil-gurament il-pretensjoni tas-Socjeta Attrici;

Ikkunsidra;

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) jipprovdi espressament fl-Art. 9(2)(a) li gudikatur "*għandu jiżgura li każ għandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigħ tiegħu u li dak is-smigħ ma jtulx iktar minn seduta waħda*". Tali dispozizzjoni naturalment mghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali;

Illi inoltre, l-Art. 13 tal-Kap. 380 jipprovdi espressament:

> Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita għas-smigħ tal-kawża, id-disposizzjonijet li ġejjin għandhom jgħoddu:

(b) jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-ġudikatur jista' jiddeċiedi l-kawża fin-nuqqas tal-konvenut u tista' ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri għandhom jgħoddu *mutatis mutandis*.

Illi hu car li fil-kawza odjerna, il-Konvenuti urew kontumelja assoluta meta ghad li kienu notifikati bl-avvizi tat-talba u tas-smiegh naqsu milli jipprezentaw risposta kif ukoll naqsu milli jidhru ghas-seduta. Mill-banda 'l ohra, is-Socjeta Attrici, permezz tar-rapprezentanta taghha Charmaine Psaila Wiffen, li xehdet bil-gurament, irnexxielha tipprova t-talba kif dedotta u dan it-Tribunal ma jarax ghalfejn mghandux joqghod fuq il-provi li ghandu quddiemu. Fuq kollox, it-Tribunal iqis in-natura tal-proceduri quddiemu u l-ispeditezza li trid il-ligi;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-Talba attrici u jikkundanna lill-Konvenuti *in solidum* jhallsu lis-Socjeta Attrici s-somma ta' €1,783.88 bl-imghax legali skond il-ligi b'effett mid-data tan-notifika tal-kawza u cjoe l-24 ta' April 2015. L-ispejjez kollha tal-proceduri jkunu a karigu tal-Konvenuti.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Alan K. Zerafa
*Deputat Reġistratur*